



Brussell, 16 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10607/23

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0076(COD)
2023/0077(COD)

ENER 358
ENV 687
CLIMA 304
COMPET 621
CONSOM 232
FISC 126
CODEC 1123

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	7435/23 +ADD1 7440/23 +ADD1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) 2019/942 biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-Unjoni mill-manipulazzjoni tas-suq fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-14 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (EMD), u għal Regolament biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-Unjoni mill-manipulazzjoni tas-suq fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa (REMIT).

2. Dawn il-proposti jsegwu l-prezzijiet għoljin ħafna u l-volatilità fis-swieq tal-elettriku osservati fl-2021 u l-2022, u huma bbażati fuq tliet pilastri – biex jipproteġu lill-konsumaturi, biex itejbu l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tal-kostijiet tal-enerġija u b'hekk jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-ekonomija tal-UE, u biex jagħtu spinta lill-investiment għal fl-enerġija.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

1. Fit-tieni parti ta' Marzu 2023, il-Presidenza Żvediża bdiet negozjati dwar il-proposti fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija. Abbażi tal-eżiti ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza ppreżentat ħames reviżjonijiet kemm tal-EMD kif ukoll tar-REMIT.
2. Il-ħidma fuq iż-żewġ proposti twettqet b'mod aċċellerat f'dawn l-aħħar xhur, u dawn ġew diskussi wkoll mill-Ministri fil-Kunsill TTE (Enerġija) fit-28 ta' Marzu 2023 fi Brussell, li serva bħala gwida għal aktar ħidma.
3. Il-proposti ġew diskussi wkoll fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-31 ta' Mejju b'fokus ewlieni fuq kuntratti bidirezzjonali għad-differenzi, id-dikjarazzjoni ta' kriżi tal-prezzijiet tal-elettriku u mekkaniżmi ta' kapaċità reġjonali jew għall-Unjoni kollha. Il-Kumitat ipprova gwida politika lill-Presidenza u stabbilixxa direzzjoni għal aktar ħidma.
4. Il-ħames reviżjoni attwali kif tinsab fid-dokumenti 10605/23 u 10606/23 għandha sservi bħala l-bażi għall-Approċċ Ġenerali. It-test il-għdid huwa **sottolinjat u b'tipa grassa** u t-tħassir huwa mmarrat bi [...]. Test minn reviżjonijiet preċedenti huwa mmarrat b'**tipa grassa** u t-tħassir huwa mmarrat bi [...]

III. ĦIDMA FIL-PARLAMENT EWROPEW U F'KORPI OĦRA TAL-UNJONI

1. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) qed imexxi ż-żewġ fajls. Ir-rapporteur maħtur għall-EMD huwa l-MEP Nicolás González Casares (S&D, Spanja) u għar-REMIT hija l-MEP Maria da Graça Carvalho (PPE, Portugall). Il-Parlament għandu jadotta ż-żewġ rapporti f'Settembru 2023.
2. Sa issa, la l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lanqas il-Kumitat tar-Reġjuni ma taw l-opinjoni tagħhom.

IV. ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

1. L-Istati Membri appoġġaw il-mod li bih ġew riflessi d-dibattitu fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u d-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija matul il-ħidma fuq l-erba' reviżjonijiet taż-żewġ proposti.
2. Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza tad-dritt, l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament propost dwar is-Suq tal-Elettriku, li jemendaw id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944, ser jitneħħew minn dak ir-Regolament u ser isiru Direttiva awtonoma. Dan huwa aġġustament legali u tekniku li ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet sostanzjali tal-proposti.
3. Il-bidliet prinċipali jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

Fir-rigward tal-EMD:

1. Fl-Artikolu 7a tar-Regolament, il-prodott għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda li jista' jiġi akkwistat u attivat mill-Istati Membri sabiex jinkiseb tnaqqis fid-domanda għall-elettriku fil-ħinijiet l-aktar intensivi, ġie marbut mal-Artikolu 66a tad-Direttiva li jistabbilixxi d-dikjarazzjoni ta' kriżi tal-prezzijiet tal-elettriku reġjonali jew fl-Unjoni kollha. Il-prodott għandu jkun limitat għat-tul ta' żmien ta' kriżi tal-prezzijiet skont l-Artikolu 66a(2).

2. Fl-Artikolu 7b tar-Regolament, id-data minn apparati ta' kejl iddedikati tista' tintuża mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjonijiet (TSOs) u mill-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni (DSOs) biss bil-kunsens tal-klijent finali. Meta klijent finali ma jkollux arloġġ intelliġenti installat, jew meta l-arloġġ intelliġenti ta' klijent finali ma jipprovdix id-data meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi ta' rispons tad-domanda jew ta' flessibilità, it-TSOs u d-DSOs għandhom jaċċettaw id-data minn apparat ta' kejl dedikat, fejn disponibbli.
3. Fl-Artikolu 8 tar-Regolament, il-ħin tal-ġheluq tan-negożju tal-kapaċità transżonali tal-istess ġurnata għandu jkun mhux aktar kmieni minn 30 minuta qabel il-ħin reali sal-1 ta' Jannar 2026. Madanakollu, l-awtorità regolatorja (ARN) ta' Stat Membru partikolari tista' tagħti deroga minn dan ir-rekwiżit fuq talba tat-TSO rilevanti, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2029, soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt u pjan ta' azzjoni biex il-ħin tal-ġheluq tan-negożju tal-kapaċità transżonali tal-istess ġurnata jitqassar għal 30 minuta. Din id-deroga tista' tiġi estiża ulterjorment b'massimu ta' tliet snin, soġġetta għal pjan ta' azzjoni u valutazzjoni tal-impatt riveduti. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2032, il-ħin tal-ġheluq tan-negożju tal-kapaċità transżonali tal-istess ġurnata għandu jkun mhux aktar kmieni minn 30 minuta.
4. Fir-rigward tal-Artikolu 9 tar-Regolament, l-implimentazzjoni ta' ċentri virtwali reġjonali issa hija soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt. Wara tali valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jimplimenta d-disinn tas-suq forward tal-Unjoni bbażat fuq ċentri virtwali reġjonali u appoġġat mill-inqas mid-drittijiet tat-trażmissjoni fit-tul maħruġa mit-TSOs. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jinkludi fost l-oħrajn metodoloġija għad-definizzjoni tal-ambitu ġeografiku ta' ċentri virtwali reġjonali, u metodoloġija għall-kalkolu tal-prezzijiet ta' referenza għaċ-ċentri virtwali reġjonali.
5. Fir-rigward tal-Artikolu 19 tar-Regolament, ġie ċċarat li l-kumpens minħabba kapaċità mnaqqsa tal-interkonnnetturi għall-operaturi ta' impjanti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli lil hinn mill-kosta f'żona tal-offerti lil hinn mill-kosta jikkonċerna operaturi ta' impjanti konnessi direttament ma' żewġ żoni tal-offerti jew aktar. Dan il-kumpens ma għandux jaqbeż l-introjtu totali mill-konġestjoni ġġenerat fuq interkonnnetturi bejn iż-żoni tal-offerti lil hinn mill-kosta kkonċernati fuq bażi annwali.

6. Skont l-Artikolu 19a tar-Regolament, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-adozzjoni ta' Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija (PPAs) billi jneħħu ostakli mhux ġustifikati u proċeduri jew imposti sproporzjonati jew diskriminatorji. Għe ċċarat ukoll li l-istrumenti għall-promozzjoni tal-użu tal-PPAs, jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, skemi ta' garanzija sostnuti mill-Istat bi prezzijiet tas-suq, garanziji privati, jew faċilitajiet li jiġbru flimkien id-domanda għall-PPAs.
7. Fir-rigward tal-Artikolu 19b tar-Regolament, għe ċċarat li kuntratti bidirezzjonali għad-differenza għandhom japplikaw għal investimenti ġodda bl-għan li jerġgħu jagħtu potenza sostanzjali lill-faċilitajiet eżistenti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija jew li jżidu sostanzjalment il-kapaċità tagħhom jew itawluhom haġġithom. Biex jiġu akkomodati l-proġetti li huma ppjanati fl-Istati Membri bħalissa, għe miżjud il-perjodu tranżitorju xieraq, jiġifieri d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ser japplikaw biss għal kuntratti taħt skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet għal investimenti ġodda fil-ġenerazzjoni konklużi minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-perjodu tranżitorju għall-assi ibridi lil hinn mill-kosta konnessi ma' żewġ żoni tal-offerti jew aktar huwa stabbilit għal ħames snin. Fir-rigward tad-distribuzzjoni tad-dħul li jirriżulta minn kuntratti għad-differenza, il-bilanċ it-tajjeb bejn l-għoti ta' flessibbiltà lill-Istati Membri u r-ritorn tad-dħul lill-klijenti finali huwa delikat. Tinżamm ir-regola ewlenija li d-dħul għandu jitqassam lill-klijenti finali, iżda l-Istati Membri jistgħu jużawhom ukoll biex jiffinanzjaw il-kostijiet tal-iskemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet jew l-investimenti biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-elettriku għall-klijenti finali. Is-sehem tal-introjti distribwiti lill-klijenti finali li huma impriżi ma għandux jaqbeż is-sehem ikkombinat tal-konsum tal-elettriku tal-impriżi kollha. Ir-ridistribuzzjoni għandha tkun ukoll mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat stabbiliti fl-Artikolu 107 u 108 TFUE. Fl-aħħar nett, għet inklużi eżenzjoni għal installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira u proġetti ta' dimostrazzjoni .
8. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà fir-Regolament:
 - B'mod ġenerali, ir-rabtiet bejn id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà fl-Artikoli 19c-19f ġew imsaħħa u ċċarati aktar.

- Fl-Artikolu 19c tar-Regolament, il-kontenut tar-rapport dwar il-ħtiġijiet għall-flessibbiltà tas-sistema ġie speċifikat aktar u huwa ċċarat li awtorità jew entità oħra, iddeżinjata minn Stat Membru, li ma tkunx l-ARN tista' tadotta r-rapport u li tista' titlob lit-TSOs u lid-DSOs jipprovdu input. Dan għandu jqis il-Valutazzjoni Ewropea tal-Adegwatezza tar-Riżorsi u l-valutazzjonijiet tal-adeqwatezza nazzjonali. Ir-rapport għandu jevalwa wkoll, tal-anqas, l-ostakli għall-flessibbiltà fis-suq u jipproponi miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti.
 - Fl-Artikolu 19d tar-Regolament, l-oġettiv nazzjonali indikattiv issa huwa għal flessibbiltà mhux fossili u għandu jkun ibbażat fuq ir-rapport skont l-Artikolu 19c. L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu wkoll oġettivi indikattivi proviżorji qabel l-ewwel preżentazzjoni tar-rapport.
 - Fl-Artikolu 19e tar-Regolament, l-Istati Membri jistgħu japplikaw skemi ta' appoġġ għall-flessibbiltà mhux fossili li jikkonsistu f'pagamenti għall-kapaċità disponibbli meta l-investimenti fil-flessibbiltà mhux fossili ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq l-oġettiv nazzjonali indikattiv identifikat fl-Artikolu 19d. Dan ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jindirizzaw l-oġettivi indikattivi tagħhom b'mezzi oħra.
9. Fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' kapaċità, l-Istati Membri esprimew il-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' approvazzjoni. Biex jiġi indirizzat it-tħassib tal-Istati Membri ġiet miżjuda klawżola ta' rieżami, biex il-Kummissjoni tippreżenta rapport dettaljat, sa mhux aktar tard minn xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, li jivvaluta l-possibbiltajiet ta' razjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-proċessi skont il-Kapitolu IV. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni għandha titlob li l-Aġenzija temenda l-metodoloġija għall-valutazzjoni Ewropea tal-adeqwatezza tar-riżorsi kif xieraq. Barra minn hekk, mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tressaq proposti bil-ħsieb li tissimplifika l-proċess għall-valutazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kapaċità kif xieraq.

10. Ukoll fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' kapaċità, tul in-negozjati l-Istati Membri talbu li titneħħa n-natura temporanja u r-referenza tal-mekkaniżmi ta' kapaċità bħala miżura tal-aħħar istanza. Fid-dawl tal-hteġa li jiġu limitati d-distorsjonijiet għall-kompetizzjoni u s-suq intern, it-testi proposti jirrikonoxxu li l-mekkaniżmi ta' kapaċità jista' jkollhom rwol importanti biex tiġi aċċertata l-adekwatezza tar-riżorsi, b'mod partikolari matul it-tranżizzjoni lejn sistema mingħajr karbonju. F'dak il-kuntest, it-test jintroduċi l-possibbiltà li l-Kummissjoni tintalab estensjoni limitata tad-derogi mil-limitu tal-emissjonijiet tas-CO2 fil-mekkaniżmi ta' kapaċità minħabba kwistjonijiet ta' sigurtà tal-provvista.
11. Fl-Artikoli 64 tar-Regolament, fl-Artikolu 66 tad-Direttiva u fil-premessa (53b), ingħataw derogi ġodda lill-Estonja, lil-Latvja u lil-Litwanja fir-rigward tas-swieq tal-ibbilanċjar tagħhom. Peress li huma dipendenti fuq iż-żona sinkronika Russa għall-ġestjoni tal-frekwenza, il-pajjiżi Baltiċi ma kinux fpożizzjoni li jiżviluppaw suq tal-ibbilanċjar tagħhom stess li jiffunzjona. Il-gwerra ta' aggressjoni Russa żiedet ir-riskju ta' sigurtà tal-provvista għall-pajjiżi Baltiċi. Għalhekk, biex jippermettu l-iżvilupp tas-suq tal-ibbilanċjar tagħhom stess, u l-konnessjoni mal-Ewropa Kontinentali, il-pajjiżi Baltiċi, għal ċertu perjodu ta' żmien, ser ikunu eżentati minn ċerti rekwiżiti li japplikaw għas-swieq tal-ibbilanċjar eżistenti.
12. L-Artikolu 66 u l-premessa korrispondenti 53g jintroduċu derogi għal Ċipru mill-Artikoli 40(4) u 54(2), sakemm is-sistema ta' trażmissjoni f'Ċipru tkun konnessa ma' sistemi ta' trażmissjoni ta' Stati Membri oħra permezz ta' interkonnessjoni.
13. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-konsumatur fid-Direttiva:
 - Il-premessa (46) tikkjarifika li l-klijenti għandhom jitħallew ikollhom aktar minn punt wieħed ta' metraġġ u ta' kontijiet koperti mill-punt uniku ta' konnessjoni għall-binjiet tagħhom. Hawnhekk, ingħatat aktar flessibbiltà lill-Istati Membri biex jiddeterminaw dawn ir-regoli fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, żdiedet il-possibbiltà li jintużaw sistemi ta' kejl intelliġenti li jistgħu jkopru direttament aktar minn punt wieħed ta' kejl.

- Fl-Artikolu 11a u fil-premessa (44) ġie miżjud li l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-fornituri li joffru biss kuntratti bi prezzijiet dinamiċi mill-obbligu li joffru kuntratti bi prezzijiet fissi u għal terminu fiss, dment li dan ma jkollux impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni u jibqa' jkun hemm għażla suffiċjenti ta' kuntratti bi prezzijiet fissi u għal terminu fiss.
- Fl-Artikolu 15a u fil-premessa (51) dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija, ġew iċċarati r-responsabbiltajiet ta' bbilanċjar bejn il-klijenti attivi. Barra minn hekk, id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-konsumatur japplikaw għall-klijenti finali involuti fi skemi tal-kondiviżjoni tal-enerġija. Barra minn hekk, ġie iċċarat li l-kunċett tal-kondiviżjoni tal-enerġija huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali applikabbli għall-awtorizzazzjoni tal-fornituri.
- Fl-Artikolu 27a u fil-premessa (48), ġie iċċarat li din id-direttiva ma tinterferix mal-iskemi eżistenti ta' fornituri tal-aħħar istanza. Bl-istess mod, meta Stat Membru jkun diġà ħatar fornitur tal-aħħar istanza qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, mhuwiex meħtieġ li titmexxa proċedura ġdida għall-ħatra tal-fornitur tal-aħħar istanza. Barra minn hekk, huwa possibbli li l-fornitur tal-aħħar istanza jinħatar jew qabel jew fil-mument ta' falliment tal-fornitur.

- Fl-Artikolu 66a u fil-premessa (53), ingħatat aktar diskrezzjoni proċedurali lill-Kunsill biex jiddeċiedi meta sseħħ kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku. Jenħtieġ li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jiddetermina permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni meta tkun teżisti kriżi tal-prezzijiet tal-elettriku reġjonali jew għall-Unjoni kollha u d-deċiżjoni għandha tispeċifika wkoll il-validità tagħha f'termini ta' żmien, li tista' tkun sa sena. Fir-rigward tal-iskattaturi, il-kriterji tas-suq bl-ingrossa nżammu prinċipalment skont il-proposta tal-Kummissjoni, iżda ġiet introdotta possibbiltà li jiġu esklużi żminijiet ta' prezzijiet anormali fil-kalkolu ta' prezzijiet għoljin ħafna. Fl-istess ħin, il-kriterji tas-suq bl-imnut saru aktar flessibbli, parzjalment bl-introduzzjoni ta' firxa għal-livell ta' żidiet qawwija fil-prezzijiet bl-imnut tal-elettriku, parzjalment billi titnaqqas il-valutazzjoni li tħares 'il quddiem għal kemm dawn il-prezzijiet huma mistennija li jdumu minn sitt xhur għal tliet xhur. Fl-aħħar nett, jiżdied mekkaniżmu għall-estensjoni ta' kriżi tal-prezzijiet reġjonali jew għall-Unjoni kollha, li ser ikun soġġett għal valutazzjoni tal-Kummissjoni u għal proposta tal-Kummissjoni.
- Fir-rigward tal-perjodu ta' traspożizzjoni tad-direttiva, ir-regola ġenerali ta' sitt xhur tinżamm f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, ġie introdott perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar għall-Artikolu 4 dwar l-għażla libera tal-fornitur u għall-Artikolu 15a dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija biex jiġu ffaċilitati l-proċessi ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri.

Fir-rigward tar-REMIT:

- a) Fuq talba ta' diversi delegazzjonijiet biex tiġi speċifikata aktar il-proposta, ġiet inkluża definizzjoni ta' "ktieb tal-ordnijiet" fl-Artikolu 2 (20a), u fil-premessa (10).
- b) Fl-Artikoli 4a u 9a, u fil-premessi (11) u (12), dwar il-Pjattaformi tal-Informazzjoni Privileġġata (IIP) u l-Mekkaniżmi ta' Rapportar Irreġistrat (RRM), ġie miżjud li l-Aġenzija għandu jkollha s-setgħa li tirtira awtorizzazzjoni f'ċerti każijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiċċara aktar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rigward l-RRMs u l-IIP. Sussegwentement, dawn l-artikoli ser japplikaw biss meta l-Kummissjoni tkun adottat l-atti ta' implimentazzjoni rilevanti.
- c) Fl-Artikolu 9 u fil-premessa (18a), ir-rekwiżit tal-parteċipanti fis-suq fl-Unjoni li huma residenti jew stabbiliti f'pajjiż terz inbidlu. Issa jeħtieġ li dawn il-parteċipanti fis-suq jiddeżinjaw rappreżentant f'dak l-Istat Membru fejn huma attivi minflok ma jiddikjaraw uffiċċju, biex jipprovdu aktar ċarezza għall-Istati Membri.
- d) Fir-rigward tal-Artikolu 13, l-ACER tista' teżerċita s-setgħat tagħha fil-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri sakemm l-ARN ma toġġezzjonax fuq il-bażi li tkun fetħet formalment jew tkun qed twettaq investigazzjoni dwar l-istess fatti, jew tkun wettqet investigazzjoni dwar l-istess fatti u tkun iddeterminat l-eżistenza jew in-nuqqas ta' ksur. L-ACER għandha tinforma lill-awtorità regolatorja nazzjonali u lill-awtoritajiet ikkonċernati l-oħra qabel ma tagħmel dan. L-ACER tista' teżerċita s-setgħat tagħha meta l-ARN ma tiħux il-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma mat-talba mill-ACER f'każijiet li jkollhom impatt transfruntier. Malli tlesti l-investigazzjoni tagħha, l-ACER għandha tfassal rapport ta' investigazzjoni li jistabbilixxi s-sejbiet tagħha.

- e) Xorta waħda fl-Artikolu 13, ġie miżjud li l-Aġenzija tista' teżerċita s-setgħat tagħha, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3a, jekk l-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti titlobha teżerċita s-setgħat tagħha fir-rigward ta' atti li għandhom impatt transfruntier.
- f) Fl-Artikolu 13a, b'rabta mal-ispezzjonijiet fuq il-post mill-ACER, ġie ċċarat li l-ispezzjonijiet għandhom jitħejjew u jitwettqu f'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali. L-ġhoti tas-setgħa lill-ACER għal spezzjonijiet fuq il-post ġie dettaljat aktar biex jipprovdi aktar ċarezza. Ġie miżjud ukoll li l-ispezzjonijiet fuq il-post f'bini privat ma jistgħux jitwettqu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel minn awtorità ġudizzjarja.
- g) L-Artikolu 13c, rigward il-garanziji proċedurali tal-investigazzjonijiet tal-ACER issaħħaħ billi ġie spjegat fid-dettall id-dritt tal-persuni soġġetti għall-investigazzjoni tagħha li jikkummentaw dwar il-fatti li jikkonċernawhom qabel ma l-ACER tadotta r-rapport tal-investigazzjoni skont l-Artikolu 13.
- h) Fl-Artikolu 16b, ġie ċċarat li l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija mhumie x vinkolanti, u li l-Aġenzija mhux ser tkun tista' tippubblika informazzjoni dwar jekk awtorità regolatorja nazzjonali ma tikkonformax mal-linji gwida jew mar-rakkomandazzjonijiet.
- i) Fl-Artikolu 18 u fil-premessa (18), saru bidliet biex tiġi żgurata applikazzjoni aktar konsistenti tal-multi amministrattivi madwar l-Istati Membri. Sabiex jinkiseb dan, ġiet inkluża lista ta' kriterji li jiddeterminaw dawk il-multi amministrattivi, u l-livell tagħhom. Barra minn hekk, ingħatat aktar flessibbiltà lill-Istati Membri bl-introduzzjoni ta' possibbiltà li jiġu stabbiliti multi aktar baxxi li għandhom jiġu ddeterminati każ b'każ. Żdiedu wkoll il-proċeduri f'każijiet fejn is-sistema legali ta' Stat Membru ma tipprevedix multi amministrattivi.

V. KONKLUŻJONIJIET

1. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill huwa mistieden jeżamina t-testi ta' kompromess tal-Presidenza kif jinsabu fid-dokumenti 10605/23 u 10606/23, isolvi kwalunkwe kwistjoni pendenti li tista' tinqala' matul il-laqgħa u jilħaq qbil dwar l-approċċ ġenerali tal-Kunsill, bil-ħsieb tan-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew.
-